# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

### Seduta ta' nhar l-Erbgha 4 ta' Novembru, 2015

**Talba Nru: 468/2015/VG**

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Southplan (Real Estates) Limited (C-24460)**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-4 ta' Gunju, 2015** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' erba' mija wiehed u tletin euro u tlieta u disghin centezmi ta' euro [€431.93c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi s-socjeta konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija wiehed u tletin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€431.93) in konnessjoni ma' servizzi fuq 21665850 u 21665852 (AC10023888).

> Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra s-socjeta konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.
>
> Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta’ din il-kawza”.

Ra li s-socjeta intimata giet debitament notifikata fl-10 ta’ Ottubru, 2015 u li baqghet ma resqet l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi salv ghan-nota pprezentata llum.

Ra n-nota tal-lum stess fejn is-socjeta ntimata, permezz taghha, ammettiet it-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fil-konfront taghha.

In vista ta’ l-ammissjoni tal-intimata t-Tribunal ippospona l-kawza ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata tas-somma ta’ erba’ mija wiehed u tletin euro u tlieta u disghin centezmi ta’ euro [€431.93c] in konnessjoni ma’ servizzi fuq 21665850 u 21665852 (AC10023888).

Ikkunsidra;

2. Is-socjeta ntimata llum stess resqet nota li permezz taghha ammettiet it-talbiet tas-socjeta rikorrenti.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. In vista ta' din l-ammissjoni da parti tas-socjeta ntimata, it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa dovut fl-intier tieghu mill-intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta ntimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' erba' mija wiehed u tletin euro u tlieta u disghin centezmi ta' euro [€431.93c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data tal-prezentata ta' din it-Talba, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tas-socjeta ntimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**